27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Paola Tonna *versus* Paolo Vella**

## Komproprjetà — Prova ta' l-Ishma — Art. 527 u 1276 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-preżunzjoni legali illi l-ishma fil-komproprjetà għandhom jitqiesu li huma ndaqs tibqa' sseħħ sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja.*

*Dina l-prova tista' ssir b'kull mezz, anki bix-xhieda, u mhix meħtieġa l-prova bil-miktub, avvolja l-proprjetà tkun ta' beni stabili, meta dina l-prova hija diretta biex tistabbilixxi f'liema proporzjoni*

*hija posseduta u giet akkwistata l-proprjetà, u mhux biex tipprova t-trasferiment ta dik il-proprjetà.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut, flimkien ma' Salvatore Tonna, ġa żewġ l-attriċi u missier l-imsemmija minuri Paolino u Giuseppe aħwa Tonna, bis-saħħa ta' kuntratt publikat minn Nutar Francesco Catania fid-19 ta' Mejju 1932 (dok. B), akkwistaw mingħajr speċifikazzjoni ta' kwoti mill-Venerand Kunvent tas-Santissima Annunzjata tan-Notabile, b'titolu ta' enfitewsi temporanea għal 99 sena mid-data ta' l-att, l-art bir-razzett żgħir, żewġt ibjar, spiera u żewġ għerien, li qiegħda fil-limiti tar-Rabat in kuntrada "Tal-Lunzjata", imsemmija x-"Xagħra ta' l-Andar", konfinata mit-tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' l-imsemmi Kunvent, mil-lvant ma' beni tal-Prebenda Kapitolari ta' Għar Barka, u mill-punent mat-triq magħrufa "Is-Sqaq tal-Lunzjata", ta' kapaċità superfiċjali ta' ħdax-il tomna; u li hija tippossjedi nofs l-imsemmija art u ma tridx tibqa' in komunjoni mal-konvenut; u li l-imsemmija art hija komodament diviżibili u mingħajr diskapitu għall-kontendenti; talbet li tiġi ordnata d-diviżjoni ta' l-imsemmija art f'żewġ porzjonijiet xorta, li nofs minnhom hekk maqsum jiġi assenjat lilha proprio et nomine u n-nofs l-ieħor lill-konvenut; u li jiġi nominat perit biex jagħmel id-diviżjoni mitluba, nutar biex jippublika l-att relativ u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-1 ta' April 1948 li biha, previa konferma tal-perizja, ċaħdet it-tieni talba ta' l-attriċi, billi d-diviżjoni ġa saret skond il-kwoti tal-kontendenti kif fuq ġew indikati, u s-sehem ta' l-attriċi proprio et nomine ġa qiegħed fil-pussess tagħha; u ma ħadetx konjizzjoni tat-talba għan-nomina ta' perit biex jagħmel id-diviżjoni, billi ma hemmx lok għal dina t-talba għar-raġuni premessi; innominat lin-Nutar Francesco Catania sabiex jir-

ċievi u jippublika l-att tad-diviżjoni fil-proporzjonijiet fuq indikati ta' tmint itmien favur il-konvenut u tlitt itmien favur l-attriċi proprio et nomine............; u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża u relativi, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed, barra minn dawk relativi għat-talba għan-nomina tan-nutar għall-pubblikazzjoni ta' l-att tad-diviżjoni u għan-nomina tal-kuraturi, u dawk ta' l-istess kuntratt, li kellhom jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjoni ta' 3/11 l-attriċi proprio et nomine u l-bqija mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi r-raba' in kwistjoni, qabel ma ġie akkwistat mill-konvenut flimkien ma' Salvatore Tonna, żewġt l-attriċi, b'titolu ta' ċens in atti Nutar Francesco Catania tad-19 ta' Mejju 1932, mingħajr ma ssemmiet distintament il-porzjoni spettanti lil kull wieħed minnhom, kien qiegħed għand l-istess konvenut u Salvatore Tonna b'titolu ta' qbiela, kwantu għal tmint itmien għand il-konvenut u kwantu għal tlitt itmien għand l-imsemmi Salvatore Tonna;

Illi mill-perizja jirriżulta li in forza tal-kuntratt fuq imsemmi l-konvenut akkwista b'titolu ta' ċens mir-raba' fuq imsemmi porzjoni ekwivalenti għal tmint itmien, dik il-porzjoni appuntu li kienet għandu bi qbiela, diviża materjalment mill-porzjoni l-oħra ta' tlitt itmien akkwistata b'ċens in forza ta' l-istess kuntratt mill-imsemmi Salvatore Tonna, li kienet minn għand dana detenuta b'titolu ta' qbiela;

Illi għalhekk l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jiġu milqugħa, anki dik li ma hemmx bżonn li ssir diviżjoni bejn il-kontendenti skond il-kwoti fuq indikati, billi did-diviżjoni ilha li saret bejn il-partijiet, li, kif jirriżulta mill-istess perizja, kienu u għadhom jippossjedu materjalment il-kwota rispettiva tagħhom, jiġifieri tlitt itmien l-attriċi proprio et nomine u tmint itmien il-konvenut;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi proprio et nomine u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba u dik relativa għan-nomina ta' perit biex jagħmel id-diviżjoni, u fejn iddikjarat li l-qasma għandha ssir fil-

proporzjonijiet ta' tmint itnejn favur il-konvenut u tlitt itmien favur l-attriċi proprio et nomine, u għalhekk tiġi milqugħa t-talba tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar............ Billi f'dak il-kuntratt ma tinsab indikata ebda speċifikazzjoni ta' kwoti, l-appellanti tippretendi li dik il-konċessjoni saret bin-nofs inżewġ konċessjonarji, skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 527 tal-Kodiċi Ċivili. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tgħid li "l-ishma tal-komproprjetajiet jitqiesu, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, li huma ndaqs". Dik il-preżunzjoni għalhekk għandha sseħħ sakemm ma tiġix magħmula l-prova kuntrarja;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti ssostni li dik il-prova kuntrarja ma saretx, u li anki jekk qatt saret, ma tistax tiġi attiża għaliex kien hemm bżonn tirriżulta minn att publiku, billi relativa għat-trasferiment ta' drittijiet immobiljari, li skond il-liġi għandu jirriżulta minn att publiku;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi li saru u miċ-ċirkustanzi elenkati mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu, il-Qorti hija sodisfatta li l-appellat u Salvatore Tonna resqu fuq l-att taċ-ċens bl-intendiment li kull wieħed minnhom kellu jibqa' jippossjedi mill-fond dik il-porzjoni li allura kellu taħt idejh bi qbiela. Kwantu għall-pretensjoni l-oħra ta' l-appellanti, huwa fatt li kwalunkwe konċessjoni enfitewtika għandha tirriżulta minn att publiku, iżda f'dana l-każ il-kwistjoni bejn il-kontendenti ma tirrigwardax ebda konċessjoni u ebda trasferiment ta' drittijiet immobiljari, imma tirrigwarda biss ir-rapporti interni taż-żewġ konċessjonarji fil-pussess tal-fond enfitewtiku. Ebda dispożizzjoni tal-liġi ma timponi l-att publiku jew l-iskrittura privata għall-ftehim regolanti dawk ir-rapporti fissens fuq indikat, jiġifieri li kull wieħed mill-konċessjonarji kellu jibqa' jippossjedi dik l-istess porzjoni li kellu f'idejh bi qbiela. Għalhekk il-prova kuntrarja għall-preżunzjoni kon-

templata fl-imsemmi artikolu 527 tal-Kodiċi Ċivili tista' tiġi magħmula b'kull mezz imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-art. 1276 tal-Kodiċi Ċivili; u kwindi anki per mezz ta' xhieda;

B'analoġija għall-każ in eżami din il-Qorti ammettiet il-prova testimonjali f'kawżi fejn l-attur, mingħajr ma jimpunja l-att tal-bejgħ, magħmul lil ħadd ieħor, talab li jiġi lilu assenjat parti mill-fond mibjugħ billi dak il-ħadd ieħor, skond ftehim bejniethom, kien qiegħed jidher fuq l-att u jakkwista l-fond fl-interess ukoll ta' l-attur (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Galea vs. Gauci" tat-28 ta' Ġunju 1929; in re "Calleja vs. Deguara" tal-10 ta' Ottubru 1930; "Zammit vs. Debattista" tal-15 ta' Diċembru 1933). Dawn is-sentenzi sostnew li "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse non solo proprio ma anche di altra persona non figurante nell'atto, ma avente diritto di avvocare a sè quello che nel di lei interesse sia stato contrattato";

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-1 ta' April 1948, b'dan li l-kuntratt b'din is-sentenza ordnat għandu jiġi publikat b'ministeru tan-Nutar hemm nominat u bl-intervent tal-kuratur hemm imsemmi, fil-11 ta' Lulju 1949, fl-10 a.m., f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attriċi appellanti;

U in vista tad-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut, magħmula skond verbal meħud il-lum, li huwa jirrikonoxxi d-dritt lill-atturi għall-użu ta' l-ispiera, tordna lin-Nutar li fl-att tad-diviżjoni jagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens u jibqgħu impreġudikati d-drittijiet kollha tal-kontendenti skond l-istess verbal.